**7 ta' April, 1961**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St. J., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Francis Farrugia

*versus*

Nazzareno Grech

**Lokazzjoni — Bord tal-Kera — Ritrattazzjoni — Appell — Proċedura — Art. 814(e) tal-Kap. 15 — Art. 31 tal-Kap. 109.**

*Sentenza tal-Bord tal-Kera li mhix appellabbli hija suġġetta għar-ritrattazzjoni, jekk jirrikorri xi wieħed mill-motivi kontemplati mill-liġi.*

*Quddiem il-Bord tal-Kera, talba għar-ritrattazzjoni ta' kawża minnu deċiża għandha ssir b'libell, meta t-talba hi bażata mhux fuq id-dispożizzjonijiet tal-Liġi tal-Kera, iżda fuq dawk tal-Kodiċi Ċivili; l-appell, mbgħad, mid-deċiżjoni tal-Bord dwar it-talba għar-ritrattazzjoni għandu jsir b'rikors, u mhux bil-proċedura tan-nota u petizzjoni.*

*L-inkwilin li jkun irid jaċċetta t-talba tas-sid għall-awment tal-kera jista' jaċċetta dak l-awment meta ssir it-trattazzjoni tal-kawża; jekk hu ma jikkontestax dik it-talba, il-Bord għandu, fil-ġurnata tas-smiegħ tal-kawża, jilqa' t-talba. ...*

*Iżda dan jgħodd għal meta t-talba tkun għal awment determinat fir-rikors; u kwindi, jekk id-domanda tkun għad-determinazzjoni tal-kera xieraq, il-Bord għandu jordna l-ispezzjoni tal-fond mill-membri tekniċi, avvolja l-intimat*

*ma jkunx ikkontesta t-talba, u jiddeċidi skond ir-relazzjoni tagħhom. B'mod illi, jekk is-sid fir-rikors juri li l-fond ħaqqu ċertu kera, imma mbgħad jitlob l-awment li hu xieraq skond il-liġi, il-Bord ma jistgħax, fil-kontumaċja tal-inkwilin, jakkorda dak l-awment li s-sid espona li ħaqqu, imma għandu jakkorda l-awment li jiġi stabbilit mill-membri tekniċi wara li jkunu spezzjonaw il-fond. Diversament, is-sentenza tal-Bord tkun tivvjola d-dispożizzjonijiet tal-liġi, u l-kawża hija suġġetta għar-ritrattazzjoni.*

Il-Qorti:— Rat it-talba tal-imsemmi Nazareno Grech quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera għar-ritrattazzjoni tar-rikors fl-istess ismijiet deċiż minn dak il-Bord b'sentenza tas-6 ta' Ottubru 1960, billi jirrikorru l-motivi ndikati fl-art. 814 (e) (f) (g) (l) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili; u dan billi b'l-imsemmija sentenza dak il-Bord kien iffissa l-kera xieraq tal-garage 121 Our Lady of Sorrows Street, Pjetà, għal £48 fis-sena, fil-waqt illi r-rikorrenti, wara li kien ippremetta illi l-kera kien baxx u kien jistħoqqlu li jiġi awmentat għal £48, kien talab illi l-Bord jogħġbu jiffissa l-kera xieraq; liema sentenza kienet ġiet mogħtija in kontumaċja ta' Nazareno Grech, billi huwa ma kienx deher fl-ġurnata tal-kawża; u dan billi l-Bord iħassar is-sentenza fuq imsemmija tas-6 ta' Ottubru 1960, u jordna illi l-kawża tiġi mismugħa mill-ġdid fil-meritu, u l-kera xieraq jiġi deċiż in bażi għall-art. 5 (l) (b) tal-Kap. 109, wara li ssir l-ispezzjoni tal-fond mill-membri tekniċi tal-Bord;

*Omissis;*

Rat id-deċiżjoni ta' dak il-Bord tat-22 ta' Diċembru 1960 li biha ddeċieda billi laqa' t-talba, ħassar is-sentenza mogħtija fis-6 ta' Ottubru 1960 fl-istess ismijiet "Francis Farrugia vs. Nazareno Grech", u ordna r-ritrattazzjoni tal-kawża fil-meritu u għal dan il-fini ddifferixxa r-rikors għat-trattazzjoni għall-5 ta' Jannar 1961; spejjeż riżervati; wara li kkunsidra;

Qabel xejn, illi ma hemm ebda kontestazzjoni dwar il-fatti li taw lok għal dan il-libell, u li huma eżattament indikati fl-istess libell;

Kwantu għall-eċċezzjoni preliminari mogħtija mill-libellat, li nvoka d-dispost tal-art. 815 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, ċjoè illi l-libellant kien jaf bid-deċiżjoni tal-Bord qabel ma skada t-terminu utili tal-appell, u kwindi hu messu rrikorra għall-proċedura tal-appell, u mhux tar-ritrattazzjoni, il-Bord jaqbel mal-libellant illi s-sentenza attakkata ma kienetx appellabbli, għaliex ebda punt ta' dritt ma ġie deċiż biha, billi ma sarx ħaġ'oħra ħlief ġie mogħti awment ta' kera fejn ebda punt ta' dritt ma kien involut. Skond il-ġurisprudenza kostanti, hija suġġetta għar-ritrattazzjoni sentenza tal-Bord li ma hix appellabbli, jekk jirrikorri xi wieħed mill-motivi kontemplati fil-Liġi tal-Proċedura;

Tibqa' l-kwistjoni jekk fil-każ preżenti jirrikorrix xi wieħed mill-motivi kontemplati fl-art. 814 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili;

Il-libellant jippretendi li kien hemm vjolazzjoni tal-liġi, għaliex ir-rikorrent ma kienx talab ammont determinat ta' kera, imma kien talab il-fissazzjoni tal-kera xieraq, għalkemm fil-premessi kien espona illi l-fond kien jistħaqqlu awment għal £48 fis-sena. Għalhekk il-Bord kien fid-dover illi jew qabel ma jistabbilixxi l-awment jordna l-eżami tal-fond mill-membri tekniċi, biex mbgħad il-kera jiġi fissat fuq il-kriterju stabbilit fl-art. 5 (l) (b) tal-Kap. 109, non ostanti illi l-libellant ma kienx deher biex jikkontesta, jew li jordna illi r-rikorrent jistabbilixxi fit-talba tiegħu l-ammont preċiż tal-awment li kien qiegħed jitlob, u jordna notifika ġdida tar-rikors jekk korrett, biex mbgħad, jekk l-intimat jerġa ma jidherx, il-Bord ikun jista' jiddeċidi in kontumaċja skond id-dispost tal-art. 31 Kap. 109;

Illi skond id-dispost tal-art. 31 Kap. 109 l-inkwilin jista' jaċċetta t-talba tar-rikorrent, fil-każ illi huwa ma jkunx irid jikkontesta, meta ssir it-trattazzjoni tal-kawża. In difett ta' kontestazzjoni, fil-ġurnata fissata għas-smiegħ tal-kawża, il-Bord għandu jilqa' t-talba. Dan ifisser illi l-liġi tippreżumi illi l-intimat kien aderixxa għat-talba f'nuqqas ta' kontestazzjoni; u l-kontestazzjoni ssir f'riferenza għat-talba. F'dan il-każ, ir-rikorrent Farrugia,

għalkemm wera l-intenzjoni tiegħu illi l-kera jiġi elevat għal £48 fis-sena, però naqas li jinkorpora dan l-awment fit-talba li ġiet limitata għall-fissazzjoni tal-kera xieraq; u kwindi l-aċċettazzjoni tal-intimat kienet rigward il-fissazzjoni tal-kera xieraq, imma mhux ta' ammont determinat ta' £48 fis-sena. Għalkemm ma jistgħax jingħad li kien hemm deċiżjoni "ultra petita", għaliex il-Bord ma tgħax awment eċċedent t-£48, jew "extra petita", għaliex il-Bord ippronunzja ruħu biss fuq l-awment tal-kera mitlub mir-rikorrent, però kien hemm applikazzjoni ħażina tal-liġi, li dwar l-interpretazzjoni tagħha l-Bord ma ta ebda deċiżjoni;

It-talba, għal daqshekk, hija ġustifikata;

Rat in-nota tal-imsemmi Franċis Farrugia, li biha appella minn dik is-sentenza, u l-petizzjoni tiegħu li biha talab li tiġi revokata, billi tiġi miċħuda t-talba tal-appellant għar-ritrattazzjoni; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tiegħu;

*Omissis;*

Rat ukoll ir-rikors li bih l-istess Farrugia appella mill-istess sentenza, u talab ir-revoka tagħha, biċ-ċaħda tat-talba tal-appellat, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi; u r-risposta tal-appellat għal dan ir-rikors li fiha qal, preliminarment, illi l-appell magħmul b'dan ir-rikors hu irritu u null, u fil-meritu illi s-sentenza appellata hi ġusta u tistħoqq konferma, bl-ispejjeż;

Rat l-atti kollha tal-kawża, semgħet it-trattazzjoni, u kkunsidrat;

L-ewwel kwistjoni li għandha tiġi riżoluta tirrigwarda l-forma li biha kellu jsir l-appell, jekk ċjoè hux permezz ta' nota u petizzjoni, jew inkella b'rikors. L-appellant adopera ż-żewġ forom; waqt it-trattazzjoni, però, hu wera li jikkunsidra bħala korretta l-ewwel forma. Anki l-appellat hu tal-istess fehma; infatti, fir-risposta tiegħu għar-rikors tal-appellant hu eċċepixxa, kif ġa ntqal, l-irritwalità ta' din il-forma, billi deherlu illi l-proċedura sewwa hi dik l-oħra tan-nota u l-petizzjoni;

Jibda biex jingħad illi ma jidherx li hemm kwistjoni illi t-talba għar-ritrattazzjoni quddiem il-Bord saret sewwa per mezz ta' libell. Għad illi l-proċedura ordinarja quddiem il-Bord hi b'rikors, ġie deċiż illi t-talba għar-ritrattazzjoni ta' sentenza tal-Bord meta dik it-talba mhix bażata fuq l-art. 43 u 44 tal-Kap. 109, iżda fuq l-art. 814 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, għandha ssir b'libell, "b'analoġija għar-regoli ta' dak l-istitut" (Kollez. Vol. XXXVI-I68; u XXXIII-I-46);

Iżda, fil-fehma tal-Qorti, l-appell mid-deċiżjoni tal-Bord fuq talba simili għandu jsir permezz ta' rikors;

L-ewwel konferma ta' din il-fehma l-Qorti ssibha fil-"praxis" tista' tgħid kostanti. Safejn il-Qorti setgħet tikkonstata mill-Kollezzjoni tas-sentenzi stampati, jidher illi, ħlief f'każ wieħed, fejn fl-appell ġiet użata l-forma tal-petizzjoni (Vol. XXXV-I-125), fil-każijiet l-oħra kollha l-proċedura tal-appell lil din il-Qorti saret b'rikors, ankorkè quddiem il-Bord it-talba kienet saret b'libell; u dan mingħajr la l-partijiet u lanqas il-Qorti "ex officio" (kif kien ikollha dritt u obligu — Vol. XXXVI-I-204) ma qanqlu ebda kwistjoni (ara Vol. *XXXII-I-155 u 192; Vol. XXXIII-I-46*). Għad illi f'dan il-każ il-proċedura quddiem il-Bord ġiet dikjarata irrita, ebda kwistjoni ma nqalgħet fuq il-proċedura fl-appell (Vol. XXXVI-I-68; Vol. XXXIX-I-236);

Din il-prattika ma hi xejn ħlief applikazzjoni korretta tal-liġi. It-talba għar-ritrattazzjoni quddiem il-Bord, meta ma tkunx bażata fuq l-art. 43 u 44 tal-Kap. 109, għax allura ssir ukoll b'rikors, issir b'libell; unikament għaliex, trattandosi ta' talba bażata biss fuq id-dispożizzjonijiet ġenerali tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, tista' tgħodd għaliha b'analoġija d-dispożizzjoni pożittiva tal-art. 818 ta' l-istess Kodiċi, li jippreskrivi illi quddiem Qorti ta' prima istanza ta' ġurisdizzjoni superjuri, it-talba għar-ritrattazzjoni għandha ssir b'libell. U xejn kuntrarju jew inkonċiljabbli ma hemm fil-liġi speċjali;

Iżda għall-appell mid-deċiżjonijiet tal-Bord hemm id-dispożizzjoni speċjali u tassattiva tal-art. 25(2) ta' "dik"

il-liġi, li tgħid illi l-appell lil din il-Qorti għandu jsir permezz ta' rikors. Għall-finijiet ta' din id-dispożizzjoni, d-deċiżjoni tal-Bord fuq talba għar-ritrattazzjoni magħmula lilu ma hi bl-ebda mod distinta minn kwalunkwe deċiżjoni oħra mogħtija mill-istess Bord (Vol. XXIX-I-239), non ostante li, kif ġa ntqal, dik it-talba tkun saret b'libell. Hawn non si tratta ta' talba għar-ritrattazzjoni minn sentenza mogħtija minn "din" il-Qorti li kien ikollha ssir b'petizzjoni, iżda si tratta ta' appell lil din il-Qorti minn deċiżjoni tal-Bord, u għalhekk għandha tapplika l-proċedura b'rikors stabbilita testwalment bl-istess liġi speċjali;

Kieku kellha tiġi mposta għal dan l-appell il-proċedura bin-nota u l-petizzjoni, kienu jiġu ntrodotti għalieh arbitrarjament dispożizzjonijiet li ma huma bl-ebda mod kontemplati mill-liġi speċjali, u huma anzi ripunjanti għal din il-liġi. Per eżempju iż-żmien tal-appell; kull appell minn deċiżjoni tal-Bord — u kwindi anki l-appell bħal dak preżenti minn deċiżjoni fuq talba għal ritrattazzjoni — għandu jsir fi żmien sitt ijiem (sa ftit snin ilu, jumejn); iż-żewġ termini differenti provvduti mill-Kodiċi tal-Proċedura għannota u għall-petizzjoni, meta l-appell għandu jsir b'dik il-forma, ma jattaljawx ruħhom għal dak iż-żmien qasir u speċjali; terġa għall-appelli mid-deċiżjonijiet tal-Bord il-liġi ma teżiġix il-garanzija għall-ispejjeż (Vol. XXXIV-I-165), mentri kieku kellha tkun imposta l-proċedura tal-petizzjoni, din il-garanzija kienet tkun meħtieġa;

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti tiddeċidi fuq din l-ewwel kwistjoni fis-sens illi:—

1. Tiddikjara l-appell interpost bin-nota u l-petizzjoni bħala irritu u null; bl-ispejjeż kontra l-appellant;

2. Tiċħad l-eċċezzjoni tal-irritwalità opposta mill-appellat għar-rikors ta' l-appell; bl-ispejjeż kontra l-istess appellat;

Ikkunsidrat dwar il-meritu;

L-ewwel ilment tal-appellant kontra s-sentenza appellata hu illi s-sentenza tas-6 ta' Ottubru 1960 (li biha

ġiet deċiża l-kawża li tagħha ntalbet ir-ritrattazzjoni) kienet appellabbli, u ladarba l-appellat kellu r-rimedju ordinarju tal-appell, ma jistgħax jinqeda bir-rimedju straordinarju tar-ritrattazzjoni, ġa ladarba hu kien jaf bil-motiv tar-ritrattazzjoni qabel għalaq iż-żmien tal-appell;

Dan l-ilment ma jidherx fondat. Is-sentenza tas-6 ta' Ottubru 1960, li ngħatat fil-kontumaċja tal-appellat (allura ntimat), ma għamletx ħlief akkordat awment tal-kera, bla ma ddiskutiet jew iddeċediet ebda kwistjoni ta' liġi, u għalhekk (għad li kif sejjer jingħad, applikat il-liġi ħażin), ma kien fiha ebda deċiżjoni fuq punt ta' liġi li kien jirrendiha appellabbli;

Allura, jgħid l-appellant fin-nota tal-osservazzjonijiet tiegħu, jekk dik is-sentenza ma kienetx appellabbli lanqas ma hi suġġetta għar-ritrattazzjoni; għaliex, "biex sentenza mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun ritrattabbli, trid tkun appellabbli". Iżda lanqas dan l-argument ma hu fondat. Ġie ritenut, fil-kawża "Cutajar vs. Cini" maqtugħa minn din il-Qorti fit-12 ta' Marzu 1945, illi "sentenza tal-Bord tal-Kera li hi inappellabbli u tgħaddi f'ġudikat hija suġġetta għar-ritrattazzjoni, jekk jikkonkorri wieħed mil-motivi ta' ritrattazzjoni li trid il-liġi tal-Proċedura Ċivili (Vol. XXXII-I-192). L-istess konklużjoni ġiet affermata minn din il-Qorti fil-kawża "Kitcher vs. Ciappara" (Vol. XXXIX-I-236);

Fl-istess nota ta' osservazzjonijiet tiegħu l-appellant issottometta wkoll illi għar-rigward tas-sentenzi tal-Bord ir-rimedju tar-ritrattazzjoni hu konċess f'każ wieħed biss, cioè dak kontemplat mill-art. 43 u 44 tal-Kap. 109, ġa fuq ċitati. Iżda din is-sottomissjoni hi ġa nkontrata b'dak li ntqal aktar il-fuq, fis-sens illi, purkè jkun jirrikorri xi wieħed mill-motivi tassattivament stabbiliti mill-Liġi tal-Proċedura, ir-ritrattazzjoni, skond dik il-liġi, hi kompetenti, anki fil-każ tas-sentenza tal-Bord (ara Vol. XXXII-I-158-159);

Tibqa' għalhekk, il-kwistjoni jekk fil-każ preżenti jirrikorrux il-motivi jew wieħed almenu mill-motivi, li fuq-

hom ġiet bażata t-talba għar-ritrattazzjoni da parti tal-appellat;

Rigward dan, din il-Qorti taqbel ma' dak li jingħad fis-sentenza appellata, ċjoè illi fis-sentenza tas-6 ta' Ottubru 1960 saret applikazzjoni ħażina tal-liġi fis-sens tal-art. 814 (e) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili. Il-"fatti" fir-rikors tal-appellant quddiem il-Bord deċiż b'dik is-sentenza kienu jikkonsistu fl-istess "domanda", li kienet "biex jiġi ffissat il-kera xieraq", talvolta għaliex il-fond kien ħaqqu awment. Għalkemm l-appellant f'dak ir-rikors semma li l-awment mistħoqq kien minn £15 sa £48 fis-sena, it-"talba" tiegħu ma kienetx f'dan is-sens, iżda fis-sens li ġa ntqal, ċjoè biex jiġi stabbilit "il-kera ġust". Dan ma jistgħax ħlief ifisser illi l-appellant kien allura qiegħed jirrimetti ruħu għall-kriterju stabbilit mill-Kap. 109 fl-art. 5(b);

L-appellant (allura ntimat) baqa' kontumaċi, u l-Bord, manifestament bi żvista, applika d-dispożizzjoni tal-art. 31, li jgħid illi "in default of any submissions on the date fixed for hearing in contestation of the request contained in the application, the Board shall allow the application". Dak li seta' akkorda l-Bord għax dak kien ir-"request" li ma ġiex kontestat, hu l-"kera ġust" wara li dan ikun ġie debitament fissat u mhux l-awment li, għalkemm imsemmi fil-korp tar-rikors bħala ndikazzjoni ta' massimu, ma ġiex però nkorporat fid-domanda;

Ġa ladarba jirrikorri dan il-motiv, ma hemmx għal-fejn jiġi eżaminat jekk jikkonkorrix ukoll xi wieħed ieħor mill-motivi l-oħra ta' ritrattazzjoni nvokati mill-appellat;

Għalhekk l-appell ma jistgħax jiġi milqugħ, u din il-Qorti tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż, salvi dawk ġa provvduti, kontra l-appellant.